

- 2) L-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38 għandu jiġi interpretat fis-sens li ċ-ċittadin tal-Unjoni jkollu riżorsi suffiċjenti għalih u għall-membri tal-familja tiegħu, sabiex ma jkunx ta' piż għas-sistema tal-assigurazzjoni soċjali tal-Istat Membri ospitanti matul il-perijodu ta' residenza tiegħu, anki fil-każ li dawn ir-riżorsi joriġinaw parzjalment minn dawk tal-konjuġi tiegħu, li huwa ċittadin ta' pajjiż terz.

(¹) ĠU C 223, 14.07.2014

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Lulju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Symvoulio tis Epikrateias – il-Ġreċja) – Konstantinos Maïstrellis vs Ypourgos Dikaiosynis, Diafaneias kai Anthroponon Dikaiomaton

(Kawża C-222/14) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Direttiva 96/34/KE — Ftehim qafas dwar il-leave parentali — Punt 1 tal-klawżola 2 — Dritt individwali għal leave parentali minħabba t-twelid ta' wild — Leġiżlazzjoni nazzjonali li ċċaħħad mid-dritt għal tali leave lill-uffiċjal li l-konjuġi tiegħu ma jaħdimx — Direttiva 2006/54/KE — Ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjieg u ta' xogħol — Artikoli 2(1)(a) u 14(1)(ċ) — Kundizzjonijiet tax-xogħol — Diskriminazzjoni diretta)

(2015/C 302/12)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Qorti tar-rinviju

Symvoulio tis Epikrateias

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Konstantinos Maïstrellis

Konvenuta: Ypourgos Dikaiosynis, Diafaneias kai Anthroponon Dikaiomaton

Dispożittiv

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE, tat-3 ta' Ġunju 1996, dwar il-ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri [leave parentali] konkluż mill-UNICE, CEEP u ta' ETUC, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/75/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997, kif ukoll bid-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ttiprovdi li uffiċjal ma huwiex intitolat għal leave parentali fis-sitwazzjoni meta l-konjuġi tiegħu ma jkunx jaħdem jew ma jkun jeżerċita ebda professjoni, sakemm, minħabba mard serju jew diżabbiltà, dan ma jkunx jista' jaqdi l-bżonnijiet relatati mat-trobbija tal-wild.

(¹) ĠU C 235, 21.7.2014.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-16 ta' Lulju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Kecskeméti Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság – l-Ungerija) – Robert Michal Chmielewski vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-alföldi Regionális Vám- és Pénzügyőri Főigazgatósága

(Kawża C-255/14) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KE) Nru 1889/2005 — Kontrolli ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni Ewropea jew ħerġin mill-Unjoni Ewropea — Artikoli 3 u 9 — Obbligu ta' dikjarazzjoni — Ksur — Sanzjonijiet — Proporzjonalità)

(2015/C 302/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Kecskeméti Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság